ESPRESSJONI TA' INTERESS (REF. EOI 218/24)

# SOTTOMISSJONI TA' PORTFOLJI TA' ILLUSTRAZZJONIJIET GĦAL TESTI

DATA TAL-ĦRUĠ: 31/07/2024

## Introduzzjoni

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litterizmu (NLA) tistieden lill-illustraturi jesprimu l-interess tagħhom fil-ħolqien ta' illustrazzjonijiet għal testi. Din l-opportunità hi miftuħa għal illustraturi li jispeċjalizzaw kemm f'illustrazzjonijiet diġitali u/jew f'illustrazzjonijiet tradizzjonali magħmulin bl-idejn.

### Miri u Għanijiet

L-għan huwa li jinġabar portfolju vast ta' illustraturi għal proġetti li se jsiru fil-ġejjieni. Il-mira hi li jintgħażlu dawk l-illustraturi li kapaċi juru l-kreattività, talent tekniku, u komunikazzjoni viżiva effettiva, riflessi fin-narrattiva/test.

### Spejjeż u Responsabbiltajiet

L-ispejjeż kollha magħmula mill-parteċipanti f'relazzjoni ma' din l-Espressjoni ta' Interess (EOI) jitħallsu biss mill-parteċipanti. L-Aġenzija la hija responsabbli u lanqas mhi se tkopri għal kull spiża jew telf maħluqa mill-parteċipanti b'rabta ma' kull aspett ta' din l-EOI.

### Rikjesti tas-Sottomissjoni

Il-parteċipanti għandhom jissottomettu portfolju li jinkludi dan li ġej:

- Isem ċar u n-numru ta' Ref. tal-EOI.
- Ittra ta' akkumpanjament mill-parteċipant li fiha jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt u deskrizzjoni qasira dwar il-portfolju kif ukoll dwar il-kwalifikazzjonijiet miksuba.
- Mill-inqas 10 disinji aġġornati.
- Konferma jekk l-espressjoni ta' interess hijiex għal illustrazzjonijiet diġitali jew għal dawk maħdumin bl-idejn, inkella għat-tnejn li huma.
- L-illustrazzjonijiet diġitali għal dan il-portfolju għandhom ikunu f'format PDF u/jew JPEG.
- Informazzjoni li tivverifika l-istatus tal-partiċipant bħala operatur ekonomiku, inkluż in-numru tal-VAT.

### Kriterji tal-Għażla

<u>Illustrazzjonijiet diġitali u dawk maħdumin bl-idejn</u>

Immaġinazzjoni kreattiva:

- Ix-xogħol għandu juri l-imaġinazzjoni u l-kreattività billi jiġu skoperti stili u ideat ġodda sabiex jiġu inkorporati elementi viżivi uniċi.
- Ix-xogħol għandu juri t-temi oriġinali u l-karatteristiċi viżivi biex tinżamm l-oriġinalità tiegħu.
- Ix-xogħol għandu jespandi l-immaġinazzjoni viżiva tal-illustratur.

Sabiex taħdem tajjeb għandek bżonn tuża tekniki artistiċi varji u tuża b'mod tajjeb l-għodod magħżula:

- Ix-xogħol għandu juri livell għoli ta' kontroll tekniku, billi tintwera ħila b'tekniki artistiċi varji.
- Ix-xogħol għandu juri sperimentazzjoni ċara b'tekniki diġitali ġodda, lil hinn minn metodi familjari.
- Ix-xogħol għandu effettivament jutilizza għodod diġitali biex l-illustraturi jkunu jistgħu jesprimu ruħhom b'mod professjonali u kif mixtieq.

Għarfien dwar użu tajjeb tal-elementi u l-prinċipji artistiċi kollha:

- Ix-xogħol għandu juri għarfien b'saħħtu tal-forma u l-istruttura, inkluża l-figura umana.

Għarfien dwar software tal-grafika tal-kompjuter u immaġini diġitali:

- Ix-xogħol għandu jixhed użu profiċjenti ta' software tal-grafika u ta' għodod tal-immaġini diġitali, billi tintwera kemm il-familjarità kif ukoll il-kumdità bi programmi bħal Adobe Illustrator, Photoshop, jew software diġitali simili.
- Ix-xogħol għandu jirrifletti l-istandards tal-industrija kontemporanja fl-illustrazzjoni diġitali, billi jiġu użati għodod diġitali essenzjali effettivament.
- L-illustraturi għandhom ikunu miftuħin għal aktar studji, ngħidu aħna billi jieħdu korsijiet jew lezzjonijiet online, sabiex itejbu kontinwament il-ħiliet diġitali tagħhom u jindirizzaw kwalunkwe limitazzjoni fl-użu essenzjali tal-għodod.

Komunikazzjoni tajba, preżentazzjoni u ħiliet ta' ftehim:

- Ix-xogħol għandu juri komunikazzjoni viżiva ċara u kreattiva, sabiex tkun aktar faċli għall-udjenza li tifhem l-ideat u l-emozzjonijiet imwasslin.
- Ix-xogħol għandu jtejjeb il-kompożizzjoni u l-elementi narrattivi, biex ikun żgurat li huma spjegati b'mod ċar u koerenti viżwalment.
- L-illustratur għandu jiffoka fuq it-titjieb taċ-ċarezza tan-narrazzjoni viżiva biex jitwassal effettivament il-messaġġ intenzjonat.

**Qbil**

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu taqbel li tinkludi l-kontestanti magħżula f'kull Rikjesta ta' Kwotazzjoni għal illustrazzjonijiet skont il-portfolju ppreżentat, kemm jekk ikunu illustrazzjonijiet diġitali kif ukoll jekk ikunu Illustrazzjonijiet maħdumin bl-idejn.

Din l-Espressjoni ta' Interess hija valida għal 3 snin mid-data tal-pubblikazzjoni u se tibqa' miftuħa matul il-perjodu ta' validità għal kull Operatur Ekonomiku li jissodisfa l-kriterji tal-għażla.

**Żmien Stipulat**

• Is-sottomissjonijiet f'format diġitali għandhom jintbagħtu fuq procurement.nla@ilearn.edu.mt sa mhux aktar tard **mit-Tlieta 30 ta' Ġunju 2026** f'nofsinhar.

• Is-sottomissjonijiet fiżiċi għandhom ikunu indirizzati lil:

Attn: Sa Charline Mascari Fardell
Maniġer Superjuri għar-Riżorsi
Sezzjoni tal-Akkwisti

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu
Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu
Triq Ġużè Abela Scolaro,
Il-Ħamrun, ĦMR 1304.

jew riċevuti bl-idejn nhar **it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2026** bejn id-9am u 12pm.

Se tintbagħat notifika għal kull portfolju riċevut permezz ta' ittra elettronika.

Il-bord ta' evalwazzjoni; kompost minn tal-inqas tliet membri esperti fil-qasam, u li wieħed minnhom bi kwalifika professjonali; se jassessja kull portfolju biex jikkonferma jekk huwiex konformi mal-prinċipji msemmija fil-kriterji tal-għażla. Il-portfolji se jiġu anonimizzati qabel ma jkunu sottomessi lill-bord ta' evalwazzjoni.

L-Aġenzija tista' tistieden lill-kandidati biex jikkjarifikaw u/jew jissottomettu aktar informazzjoni.

Id-deċiżjonijiet finali mistennija li jittieħdu fi żmien xahar mill-applikazzjoni permezz ta' din l-EOI.

**Dettalji ta' Kuntatt**
indirizz elettroniku: procurement.nla@ilearn.edu.mt

sit: https://nla.gov.mt